# MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

## IT-TIENI LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 90**

**Il-Ħamis 23 ta' Frar, 2017**

Il-Kumitat Amministrattiv St Peter iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Mario Bartolo - *Chairperson*
Norman Clews - Membru
Joseph Agius – Membru

**Skużati jew ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Nicholas Azzopardi – Membru
Luciano Farrugia - Membru

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Duncan Busuttil – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Iċ-*Chairperson*, is-Sur Mario Bartolo, ippresieda l-laqgħa.

**90.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

90.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġiji tas-Sur Nicholas Azzopardi u tas-Sur Luciano Farrugia. Fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Clews, il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

### 90.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

90.2.1 Fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Clews, il-Kumitat approva unanimament il-minuti tal-laqgħa preċedenti.

### 90.3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

90.3.1 Iċ-*Chairperson* tkellem dwar l-arblu tad-dawl li jrid isir fi Triq il-Profs J G Baldacchino u qal li wara kuntatti li saru mal-Korporazzjoni Enemalta, sar qbil li l-Enemalta tagħmel l-arblu tad-dawl li hemm bżonn.

90.3.2 Dwar il-*bus shelter* li ntalab li jsir mir-residenti fi Triq l-Għakrux, iċ-*Chairperson* qal li l-proċess nbeda billi ttieħdu ritratti tas-sit u tbgħatet l-applikazzjoni lil Transport Malta.

### 90.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

90.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-membri.

### 90.5 Approvazzjoni tal-istemma uffiċjali tal-Kumitat Amministrattiv

Iċ-*Chairperson* ressaq għall-approvazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv l-istemma uffiċjali tal-Kumitat Amministrattiv St Peter kif mibgħuta mis-Sinjura Mariella Silvio, *Legal Officer* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Fuq proposta tas-Sur Norman Clews li ġiet issekondata mis-Sur Mario Bartolo, il-Kumitat qabel unanimament mal-istemma kif proposta.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Mario Bartolo, il-Kumitat Amministrattiv qabel unanimament ukoll li l-bank HSBC jintalab li jsiru tliet tabelli tal-konfini bl-emblema tal-Kumitat Amministrattiv.

Dwar il-korrispondenza riċenti li ntbgħatet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-*allowance* tal-Kunsillieri, is-Sur Bartolo qal li kien tkellem dwar din il-materja u kien ser jitlob lid-Dipartiment kjarifika peress illi din il-korrispondenza kienet ġiet mibgħuta wkoll lill-Kumitat.

### 90.6 Mozzjonijiet

90.6.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

### 90.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

90.7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 23 ta' Marzu 2017.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Agent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-93 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 15 ta' Mejju, 2017.

IFFIRMATA

Mario Bartolo
*Chairperson*